PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

PROVIŻORJU
2007/0075(CNS)

31.5.2007

*

ABBOZZ TA' RAPPORT

fuq rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan (COM(2007)0214 – C6-0000/2007 – 2007/0075(CNS))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Genowefa Grabowska

Tifsira tas-simboli użati

*	Proċedura ta' konsultazzjoni *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**I	Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
**II	Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***	Proċedura ta' kunsens *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE*
***I	Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa*
***II	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni* *maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni*
***III	Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari) *maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt*

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva.*** Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar rakkomandazzjoni għal deċiżjoni tal-kunsill dwar l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija mal-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan
(COM(2007)0214 – C6-0000/2007 – 2007/0075(CNS))

(Proċedura ta' konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (COM(2007)0214),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni atl-Bulgarija u r-Rumanija, skond liema Artikolu l-Kunsill ikkonsulta mal-Parlament (C6-0000/2007),

– wara li kkunsidra l-Artikoli 93 u 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0000/2007),

1. Japprova r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni;

2. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-ħsieb li jemenda r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u l-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Att ta' l-2005 ta' l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija[1] introduċa sistema simplifikata għall-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-konvenżjonijiet (u protokolli) konklużi mill-Istati membri fuq il-bażi ta' l-Art. 34 TEU (dak li kien l-Art. K.3 TEU) jew l-Art. 293 KE.

L-Anness I ta' l-Att ta' Adeżjoni jagħti lista ta' seba' konvenzjonijiet u protokolli kkonċernati fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, inkluża l-Konvenzjoni tas-17 ta' Ġunju 1998, imfassla fuq il-bażi ta' l-Artikolu k.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar l-iskwalifiki tas-sewqan.

Meta wieħed iqis is-sistema simplifikata msemmija hawn fuq, ma jibqax neċessarju li jiġu negozjati u konklużi protokolli ta' adeżjoni speċifiċi. Sabiex il-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ fil-Bulgarija u r-Rumanija, il-Kunsill għandu jadotta biss deċiżjoni li tiddetermina d-data meta l-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill hija maħsuba biss biex tagħmel l-aġġustamenti meħtieġa minħabba l-adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-Konvenzjoni msemmija hawn fuq, skond l-Artikolu 3(4) ta' l-Att ta' Adeżjoni.

Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi li tiġi adottata d-deċiżjoni tal-Kunsill mingħajr emendi.

[1] ĠU 2005, L 157, p. 203.